**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 21**

**Rikors Maħluf Numru 1227/2021 NC**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs.**

**Ben Zeglam Osama Mahmoud**

Illum 14 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-bank attur ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi l-Bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. ta faċilita' ta' self lill-konvenut Ben Zeglam bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Gertrude Farrugia Wismayer datat 6 ta' Jannar 2009 fis-somma komplessiva ta' mija u ħdax-il elf mija u ħdax-il Ewro (Eur*

*111,111.00) kif jidher mill-anness kuntratt ta' self (immarkat Dok A);*

*2. Illi l-konvenut ma baqax jagħmel dawk il-pagamenti mensili dovuti minnu skont is-Sanction Letter tal-5 ta' Settembru 2008 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B) u għalhekk huwa tilef il-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi fis-6 ta' Diċembru 2021 huwa kien debitur tal-attur fis-somma ta' mija sitta u tletin elf erba' mitt Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€136,400.17) li minnhom is-somma ta' mija u ħamest elef tliet mija ħamsa u tletin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€105,335.64) hija rappreżentanti kapital filwaqt li s-somma ta' wieħed u tletin elf erbgħa u sittin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€31,964.53) hija rappreżentanti imgħaxijiet dovuti fuq is-self preċitat bil-kont numru 16109221 (prospett hawn anness u mmarkat Dok Ċ);*

*3. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat biex iħallas d-debitu dovut permezz ta' ittra uffiċjali datat 29 ta' Ottubru 2018 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok D), huwa baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant, in vista ta' dak premess, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mija sitta u tletin elf erba' mitt Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€136,400.17) dovuta kif fuq spjegat;*

*2. Tikkundanna u tordna lil konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija sitta u tletin elf erba' mitt Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€136,400.17) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mis-7 ta' Diċembru 2021 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali datat d-29 ta' Ottubru 2018 u tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment fl-istess ismijiet, kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subizzjoni".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 32) tat-23 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-23 ta' Frar 2022, f'liema digriet il-konvenut ġie mogħti għoxrin (20) jum żmien min-notifika tar-Rikors Maħluf biex iressaq ir-Risposta Maħlufa tiegħu.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 50), għal liema seduta dehru l-konsulenti legali tal-partijiet, ġie verbalizzat fost l-oħrajn hekk:

> *"L-Avukat Julienne Bencini għall-bank attur preżentat Nota b'estratti kemm minn gazzetti lokali kif ukoll mill-Gazzetta tal-Gvern fir-rigward ta' notifika tal-konvenut bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, b'dan illi għal kull buon fini l-Qorti tinnota li l-affissjoni relattiva saret fl-4 ta' Mejju, 2022. Il-Qorti tinnota li għadu għaddej it-terminu f'liema l-konvenut għandu jippreżenta r-Risposta Maħlufa tiegħu.*
>
> *L-Avukat Julienne Bencini għall-bank attur tiddikjara li l-istess bank attur ma għandu l-ebda oġġezzjoni li t-terminu għar-Risposta Maħlufa tal-konvenut jiġi estiż sat-13 ta' Lulju 2022."*

Rat li fis-seduta tallum (*a fol.* 56), għal liema seduta dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll Walid El Awej li għandu prokura speċjali tal-konvenut, ġie verbalizzat fost l-oħrajn hekk:

> *"L-Avukat Julienne Bencini għall-bank attur preżentat Nota ta' Riduzzjoni.*
>
> *L-Avukat Douglas Aquilina għall-konvenut preżenta Nota ta' Ammissjoni.*
>
> *Xehed bil-ġurament: Walid El Awej u eżebixxa Dok. "WE 1".*
>
> *Il-konsulenti legali tal-partijiet talbu li l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza."*

Semgħet, fis-seduta tallum, lil Walid El Awej jixhed bil-ġurament u rat id-dokument immarkat bħala Dok. "WE 1" u li ġie ppreżentat minnu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors Maħluf tal-bank attur jingħad li l-kawża odjerna tirrigwarda l-ammont ta' mija sitta u tletin elf, erba' mitt Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€136,400.17) dovuti mill-konvenut lill-bank attur, liema somma jingħad li hija dovuta bħala kapital u imgħaxijiet dovuti fuq is-self preċitat bil-kont numru 16109221.

Illi fis-seduta tallum il-bank attur ippreżentata Nota ta' Riduzzjoni fejn informa lill-Qorti li l-konvenut kien affettwa numru ta' pagamenti u li sat-12 ta' Lulju 2022 kien hemm dovut favur l-istess bank attur is-somma ta' €105,448.64 in kwantu kapital u €16,471.50 in kwantu imgħaxijiet (u b'hekk total komplessiv ta' €121,920.14) u dana *oltre* imgħaxijiet legali mit-13 ta' Lulju 2022 sal-ħlas effettiv.

Illi fis-seduta tallum ukoll ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni minn Walid Elawej bħala prokuratur tal-konvenut, liema Nota ġiet iffirmata mill-konsulent legali tal-konvenut, fejn fiha ġew ammessi t-talbiet tal-bank attur kif ridotti.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** (Numru 17/2010) deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara

> **Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et** (Numru 3/13), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit".

**Ikkunsidrat**

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' Ammissjoni ppreżentata, permezz ta' liema Nota ġie ddikjarat li kienet qed issir ammissjoni tat-talbiet tal-bank attur kif ridotti, b'hekk la hemm qbil dwar dak dedott mill-bank attur kif ridott, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-bank attur. Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** (Numru 688/2021) meta qalet hekk:

> "Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' limitatament l-ewwel (1) talba tal-bank attur u tiddikjara li l-konvenut Ben Zeglam Osama Mahmoud huwa debitur fil-konfront tal-bank attur fis-somma ta' mija, wieħed

u għoxrin elf, disgħa mija u għoxrin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€121,920.14) dovuta kif fuq spjegat;

(2) Tilqa' limitatament it-tieni (2) talba tal-bank attur u tikkundanna lill-konvenut Ben Zeglam Osama Mahmoud iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija, wieħed u għoxrin elf, disgħa mija u għoxrin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€121,920.14) hawn fuq imsemmija, bl-imgħax legali mit-13 ta' Lulju 2022 sal-ħlas effettiv.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-bank attur jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Ben Zeglam Osama Mahmoud.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**